DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 57/2007

tat-8 ta' Ġunju 2007

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 36/2007 tas-27 ta' April 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 196/2006 tat-3 ta' Frar 2006 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jitqies l-Istandard Ewropew EN ISO 14001:2004, u li jirrevoka d-Deċiżjoni 97/265/KE ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1ea (ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32006 R 0196**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 196/2006 tat-3 ta' Frar 2006 (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 4)."

2. Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 1eab (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/193/KE):

"1eac. **32006 R 0196**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 196/2006 tat- 3 ta' Frar 2006 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jitqies l-Istandard Ewropew EN ISO 14001:2004, u li jirrevoka d-Deċiżjoni 97/265/KE (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 4)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 196/2006 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ġunju 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 209, 9.8.2007, p. 65.
([2]) ĠU L 32, 4.2.2006, p. 4.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER